L-Għasri mit sena ilu:

# Statistika Kriminali għas-sena 1903-04

*Tagħrif miġbur minn* **Toni Calleja**

F'rapport ippubblikat fis-Suppliment tal-*Malta Government Gazette* tas-26 ta' April 1905, insibu li fis-'Sena Governattiva' indikata, fl-Għasri u f'Għammar kienu rrapportati tmienja u tletin kontravenzjoni ta' natura kriminali; ilkoll kemm huma mwettqa minn maskili ta' fuq it-tmintax-il sena, għajr każ wieħed imwettaq minn ġuvnott ta' bejn l-erbatax u t-tmintax-il sena. Għall-Għasri, din l-annata kienet waħda importanti ħafna minħabba li fiha bdiet tinbena l-knisja l-ġdida, il-'Knisja ta' Fuq', illum dik parrokkjali.

L-akkużi kienu dawn:

- persuna kienet akkużata li saqet karrettun riekba fuq il-fus, u bl-annimal mingħajr ħadid f'ħalqu. Barra li kien imwiddeb, weħel tlett ijiem xogħol iebes.
- tlieta kienu akkużati li ostakolaw mogħdijiet; weħlu tmintax irbiegħi (12ċ5) kull wieħed.
- akkużati li saqu vettura tat-tagħbija mingħajr id-distintiv ta' kuċċiera liċenzjati kien hemm żewġ każi. Waqt li wieħed ġie biss imwissi, l-ieħor weħel 7s-6d (37ċ5). Nifhem li kien riċediv!
- persuna waħda laqqtet biss twiddiba talli ħalliet karrettun fit-triq, bla dawl.
- persuna oħra weħlet tmintax irbiegħi (12ċ5) minħabba li ragħat il-mogħoż fuq art privata u/jew pubblika mingħajr permess.
- bottegarju weħel sempliċi twissija talli żamm il-ħanut tiegħu miftuħ aktar mill-ħin preskritt bil-liġi.
- l-istess korrielu raġel ieħor li lissen kliem immorali fil-pubbliku.
- raġel kien immultat ħames xelini (25ċ) talli ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija.
- akkużati li ġarrew arma tan-nar għal skop ta' kaċċa mingħajr liċenzja, u/jew sparaw fuq ħamiem domestiku kien hemm erbatax-il każ. Minnhom, wieħed, kien biss imwissi; disgħa weħlu tmintax irbiegħi r-ras; u erbgħa oħra d-doppju tagħhom – ħames xelini l-wieħed (25ċ).
- ħatja b'kontravenzjoni ta' l-Ordinanza nru xviii ta' l-1888, voldieri dwar iż-żamma ta' klieb id-dar, kien hemm każ iżolat li b'kundanna kien immultat tmintax irbiegħi (12ċ5).
- l-aktar każ serju li seħħ fl-Għasri fiż-żmien indikat, u li inċidentalment kien l-uniku wieħed tax-xorta tiegħu f'Għawdex, kien attentat vjolenti fuq il-modestja, u li għalih kien hemm l-unika sentenza ta' priġunerija.

Minn imkejjen oħra nafu li t-tali delinkwent kien żagħżugħ ta' 21 sena, adett għas-*Signal Station* ta' fuq ta' Ġurdan, mhux mill-Għasri, li ivvjolenta l-pudur ta' tifla ta' biss sitt snin! Jista' jirringrazzja 'l Alla, ja gedmejmun* li hu, għax ma weħilx għajr biss sena ħabs! Kien ħaqqu aktar.

---

***gedmejmun** – kelma antika, dispreġġjattiva, minn xi daqqiet ukoll vezzeġġattiva, li fl-Għasri ta' tfuliti lħaqtha tingħad sewwa. Tingħad dejjem bħala parti minn espressjoni; p. eż. kif użata fuq. Għall-istess, it-taljani jużaw il-kelma *scimmia.* BARBERA jgħid li dil-kelma hija komposta mill-għarbi *qird* u mit-tork *maimûn.*

- disat irġiel instabu ħatja bi ksur tar-regolamenti li jikkonċernaw ir-razza tal-bhejjem li jixtarru, skond in-Notifika tal-Gvern nru 232 ta' l-1895, li allura kienet tobbliga lir-raħħala li jridu jirrapportaw kull żjieda fit-tali ġeneru ta' annimali. Minnhom tmienja weħlu sempliċi twissija, u ieħor tmintax irbiegħi (12ċ5) ammenda.
- Finalment, żewġ persuni separati, wieħed minnhom ġuvnott ta' taħt it-tmintax, kienu akkużati li kkaġunaw offiża fuq il-persuna. Fiż-żewġ każi, l-akkużati ħarġu illiberati.

## L-imħabba tal-proxxmu ...

*– Silta minn intervista li l-kalzrier irtirat, Wistin Grima ta lis-Sur Paul P. Borg –*

"Meta lill-priġunier taqflu fil-għaxija fl-erba' u tħallih waħdu u ssabbattlu l-bieba flok tagħlaqha bil-mod... aħjar tispara għalih milli ssabbattlu l-bieb u titlaq! Jekk tagħmel hekk tħallih imkisser lilu, u l-għada ssibu fuq is-sodda jibki. U jekk jitgħallaq bniedem? Tkun taf minn xhiex għaddej int? Allura ssabbattlu l-bieb ma' wiċċu wkoll? Kemm iħossha dik! Qisek għalaqt kelb. Jiena, kemm domt naqfilhom jien lill-priġunieri, jekk il-bieb ikun ftit eħfef minn ieħor u jissabbattli, nerġa' niftħu u lill-priġunier ngħidlu, 'Isma', skużi ta. Mhux għax ridt ta, il-bieba ħarbet weħedha...' U taraħ li jkun fehmha dik u jorqod aħjar għax jgħid li hu bniedem issa... U jgħidlek, 'Grazzi tafx'. U-u-u! Hawn min jgħidlek barra u ġewwa xorta... mela mhux xorta! Imma dawk nies ukoll hux..."

minn *IT-TORĊA* tat-8 ta' Awissu, 1999; *'Il-Ħadd magazine'*, p. 9

## ... u tal-ħlejjaq fil-prattika:

## GĦASFUR FIL-GAĠĠA

Vincent Caruana

minn *IL-BERQA*, 17 ta' Mejju 1948, p. 5

Qed nilmaħ gaġġa
magħluqa sew;
għasfur imjasar
jinsab hemm ġew.

Biex kieku jaħrab
naraħ miskin
minn naħ'għall-oħra
jtir kull ħin.

Ideffes rasu
bejn il-ħadid,
biex igħaddi minnhom
u jtir mill-ġdid.

Għalxejn jitħabat,
għax kull taħbit
ma jistax lilu
jiswielu ġid.

Nistħajlu jaħseb
fl-għasafar ħbieb,
li jtiru fl-għoli
bla l-iċken ħsieb.

Ar'issa waqaf!
lemaħni ħdejh,
tefagħli ħarsa
minn dawk għajnejh.

B'għajnejh qed jgħidli
"Iftaħli l-bieb
biex intir magħhom
l-għasafar ħbieb".

Jien f'qalbi għidtlu
"Neħilsek jien,
għax inti bħali
trid il-ħelsien.

Biex tgħix fil-beraħ
int ġejt maħluq
mhux għal fil-gaġġa,
biex tgħix magħluq".

Jien ftaħtlu l-gaġġa
fejn dam ix-xhur,
u minnha ħareġ
itir l-għasfur.